MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru. 34/2006

**ILLUM 31 TA' OTTUBRU, 2008**

**KUMPILAZZJONI NUMRU 34/2006**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**JOSEPH FARRUGIA bin Gawdenzio u Tereza nee' Falzon, imwieled Tal-Pieta', residenti fil-fond Springvale, St Thomas Street, Fgura**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Farrugia, li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23.08.2005, ghall-habta tat-3.00pm, volontarjament ghamel hsara fi hwejjag haddiehor

‘membrane’ ghad-dannu ta’ Emmanuel u Nathalie Ronayne fil-fond ‘Las Moradas’ Lm50.00(hamsin lira Maltin), izda inqas minn Lm500.00(hames mitt lira Maltin);

2. U kif ukoll talli bla hsieb li jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Manuel u Nathalie Ronayne fil-pussess ta’ hwejjighom(ticrit ta’ membrane) bi vjolazzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 11 tal-process;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-mertu ta’ din il-kawza hu allegat glied fuq hajt divizorju bejn l-akkuzat u l-parte civile.

Fil-fatt il-parte civile Emmanuel Ronayne ezebixxa anke l-kuntratt ta’ l-akkwist tal-proprjeta’ tieghu. Ezebixxa wkoll ritratti tad-danni minnu allegatament sofferti(folio 23 – 24), kif ukoll rapport ex-parte tal-Perit Philip B Grech(DOK ER a folio 22 tal-process). F’dan ir-rigward pero l-istess Ronayne aktar tard fix-xhieda tieghu xehed illi l-ispejjez minnu nkorsi biex jigu rimedjati d-danni kienu ferm inqas fil-fatt minn dawk dikjarati mill-perit imsemmi.

Issa, irrizulta illi nqatghet kwistjoni bejn l-akkuzat u l-parte leza dwar il-hajt divizorju in komun bejn il-proprjeta’ tal-partijiet. Ronayne fil-fatt jidher li kien izomm dan il-hajt tant sew li anke ghamel membrane fuq in-naha ta’ Farrugia bil-presunzjoni li dan ukoll kien proprjeta’ tieghu – tant li anke hass li kellu jidhol fil-proprjeta’ ta’ Joseph Farrugia biex jirranga din il-parti mill-membrane danneggjata minn Farrugia meta qala’ kamra mwahhla ma’ dan il-hajt fil-bitha tieghu.

Illi l-akkuzi kif dedotti huma dik ta’ hsara volontarja.

Illi l-ewwel akkuza hija ta' hsara volontarja fil-membrane ghad-dannu tal-konjugi Ronayne. Dak li jirrizulta lil din il-Qorti li Farrugia ghamel xoghol fuq in-naha tal-hajt tieghu, ma jirrizultax li dan ghalkemm ghamel dan ix-xoghol ried jaghmel xi hsara volontarja. Ma hemm ebda xhud okulari li ra lill-akkuzat jaghmel l-azzjoni mertu tal-kawza. L-uniku xhud f'dan ir-rigward huwa PS 947 Adrian Paul Vella li xehed li mieghu Farrugia stqarr li kien vera nehha l-membrane, pero dan ma jfissirx li hu ried jaghmel hsara volontarja. Li ghamel Farrugia hu li nehha minn naha tieghu kamra li kienet hemm bla permess tal-MEPA.

It-tieni akkuza hija dik ta' ragon fatasi. Din l-akkuza ghandha bhala element kostituttiv taghha l-element tal-pussess – il-pussess f'dan il-kaz pero kien sa fejn si tratta tal-hajt in-naha ta' Farrugia vestit fl-istess Farrugia.

Ghaldaqstant in vista ta' dak premess, qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------